MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 936/2007

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**vs**

**Mark Kevin Camilleri (I.D. nru 281668 M)**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ssottomettiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fiz-zewg skritturi datati fis-6 ta’ Frar 2004 (Dok. A), u fl-4 ta’ Lulju 2005 (Dok. ‘B’) is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Mark Kevin Camilleri.

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Mark Kevin Camilleri fis-somma ta' sitt elef, tmien mija u sittax-il Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm6,816.35) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Mark Kevin Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'C') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 ta' Awissu 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti 'A' u 'B') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mark Kevin Camilleri; (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati u mmarkati Dok. 'A' u 'B', u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Mark Kevin Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 24 ta' Novembru 2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok 'D', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti 'A' u 'B') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mark Kevin Camilleri (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmja skritturi privati, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati,

u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Mark Kevin Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Mark Kevin Camilleri jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, tmien mija u sittax-il Lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm6,816.35) bilanc ghad-debitu fil-'*Loan Account'* ta' Mark Kevin Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'C'), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-28 t'Awissu 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fl-24 ta' Novembru 2006 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment u minghajr pregudizzju u bir-riserva ghall-pretenzjonijiet ohra tal-attrici kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-rikors guramentat u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' rikorrenti;

Rat in-nota tal-intimat li biha ammetta t-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimat t-talba kif mitluba fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-intimat tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------